MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2015

Numru 440/2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imsemmi Anton-Vlad Ilef, detentur tal-passaport Rumen bin-numru 051736960, akkuzat talli:

U nakkuzwah talli b`diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal- ligi u gew maghmula b`rizoluzzjoni wahda;

1. Nhar l-20 ta` Mejju, 2015 f'xi hin bejn l-10:30hrs u l-16:00, ikkommetta serq ta' diversi oggetti tad-deheb, gojjelerija u / jew oggetti ohra minn gewwa residenza 33, "Unsere Traum" Triq il-Garrier, Mosta liema serq huwa ikkwalifikat bil-'mezz', bil-'valur' li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u

ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) u bil-'lok' ghad-detriment ta' Michael u Maria Theresa Gatt u / jew ta' xi persuna / i, entita u / jew entitajiet ohra;

2. Nhar it- 18 ta` Mejju, 2015 f'xi hin bejn il-11:00hrs u l-16:45hrs, ikkommetta serq ta' oggetti tad-deheb, gojjellerija, apparat elettroniku u/jew oggetti ohra minn karma bin-numru 601 tal-Lukanda Ramla Bay Hotel li tinsab Triq ir-Ramlet, Mellieha, liema serq huwa ikkwalifikat bil-'mezz', bil-'valur' li ma jaccedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) u bil-'lok' ghad-detriment ta' Sylvia Eileen Dix u / jew ta' xi persuna / i, entita u / jew entitajiet ohra;

3. F'xi zmien bejn April u Mejju, 2015 gewwa San Pawl il-Bahar u/jew f'partijiet ohra f'dawn il-gzejjer ikkommetta s-serq ta' laptop ta' ghamla mhux maghrufa, u arlogg ta' ditta 'Garmin' minn gewwa fond mhux maghruf, liema serq huwa ikkwalifikat bil-'mezz', 'valur' li ma jaccedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) u bil-'lok' ghad-detriment ta' persuna/i mhux maghrufa;

4. Nhar l-20 ta' Mejju, 2015 ghall-habta ta' 18:00hrs minn gewwa l-hanut Go Mobile li jinsab gewwa Baystreet Shopping Complex, St. George's Bay, San Giljan ikkommetta serq ta' I Phone 6 liema serq huwa ikkwalifikat bil-'mezz' u bil-'valur' li ma jeccedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad-detriment ta' Go plc Company Ltd. u / jew ta' xi persuna / i, entita u / jew entitajiet ohra;

5. Nhar is-07 ta' April, 2015 f'xi hin bejn 12:00hrs u 13:30hrs ikkommetta serq ta' mowbajl ta' l-ghamla Iphone 5S minn gewwa l-hanut Vodafone li jinsab gewwa Triq Bisazza, Sliema liema serq huwa ikkwalifikat bil-'mezz' u bil-'valur' li ma jaccedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad-detriment ta' Vodafone p.l.c. u / jew ta' xi persuna / i, entita u / jew entitajiet ohra;

6. Nhar it-18 ta' April, 2015 f'xi hin bejn 12:00hrs u s-13:30hrs ikkommetta serq ta' mowbajl ta' l-ghamla Samsung 5S minn gewwa l-hanut Vodafone li jinsab gewwa Triq Bisazza, Sliema, liema serq huwa ikkwalifikat bil-'mezz' u bil-'valur' li ma jeccedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad-detriment ta' Vodafone p.l.c. u / jew ta' xi persuna / i, entita u / jew entitajiet ohra;

7. Nakkużawh aktar talli f'dawn il-gżejjer, f'xi zmien bejn l-24 ta' April 2015 u t-22 ta' Mejju 2015 billi b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza' ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, biex jagħmel qliegħ għalieh jew għal persuni oħra, ta' aktar minn ħames mitt ewro **(€500)** izda mhux aktar minn ħamest elef ewro **(€5,000)** għad-dannu ta' Go p.l.c. u / jew ta' xi persuna / i, entita u / jew entitajiet ohra;

8. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi għamel xi qligħ ieħor b'qerq bi ħsara għall-Go p.l.c. u / jew ta' xi persuna / i, entita u / jew entitajiet ohra;

9. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u dan ghad-dannu ta' Go p.l.c u / jew ta' xi persuna / i, entita u / jew entitajiet ohra;

10. Nhar l-20 ta' Mejju 2015 f'xi hin bejn 1300hrs u 1800hrs ikkommetta serq ta' hwejjeg u / jew oggetti ohra minn gewwa l-hanut Marks and Spencer li jinsab fi Triq ix-Xatt, Sliema, liema serq huwa kkunsidrat bhala serq semplici ghad-detriment ta' Marks and Spencer u / jew ta' xi persuna / i, entita u / jew entitajiet ohra;

11. Nhar l-20 ta' Mejju 2015 f'xi hin bejn 1300hrs u 1800hrs ikkommetta serq ta' hwejjeg u / jew oggetti ohra minn gewwa l-hanut Eurosport li jinsab gewwa l-istabiliment Tigne Point fi Triq ix-Xatt ta' Tigne, Sliema, liema serq huwa kkunsidrat bhala serq semplici ghad-detriment ta' Eurosport u / jew ta' xi persuna / i, entita u / jew entitajiet ohra;

12. U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Il-Qorti hija wkoll ġentilment mitluba sabiex f'kaz ta'sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-akkuzat għal ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti tal-process;

Rat illi fis-seduta tal-llum tat-23 ta' Mejju, 2015 l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqa' jtenni t-twegiba tieghu.

Rat l-artikoli 18, 261,(b),(c),(e), 263, 264, 267, 269(g), 279(a),(b), 284, 293, 308, 309 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

In vista tal-ammissjoni, ssib lil imputat hati tal-akkuzi kif dedotti u tikkundannah ghal piena ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija.

Il-Qorti tordna li l-atti flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jintbghatu lil Avukat Generali ai termini tal-ligi.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------